# L-Imħabba fit-tagħlim ta' San Pawl u ta' Santu Wistin.

Wieħda mill-isbaħ għanjiet li ħallina San Pawl f'it-tri tiegħu hija bla dubju ta' xejn l-innu fuq l-imħabba li nsibu fil-kapitlu tlettax tal-ewwel ittra lill-Korintin, fil-vrus 1-13. F'din l-għanja San Pawl juri l-imħabba mhux biss fit-twettiq konkret tagħha imma bħala l-valur nisrani li li qatt ma jintemm u li jwassal għall-perfezzjoni.

Din l-imħabba hija l-valur ewlieni tal-bniedem u tan-nisrani għax il-fundament u s-sisien tagħha huwa Kristu li fih tgħammar il-milja tad-divinita' u li permezz tiegħu Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu. Kien Kristu li permezz tiegħu l-bniedem qadim iġġedded, sar il-ħabib ta' Alla u ħlejqa ġdida kapaċi hi wkoll li tidħol u tgħix id-dinamiżmu tal-vera imħabba. Fi Kristu l-insara huma "il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu" Lill-Kolossin li kitbilhom dan il-kliem, Pawlu ħeġġiġhom sabiex fuq kollox jilbsu "l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni"(Kol. 3, 14).




Huwa għalhekk fl-imħabba ta' Kristu għall-bniedem mifdi, turija tal-imħabba tal-Alla l-Missier, li l-imħabba tad-dixxiplu għandha sens u tista' titwettaq, minkejja d-dgħufija umana, fl-għemejjel konkreti. Hu f'dan il-kontest li rridu nifhmu l-innu tal-ewwel ittra lill-Korintin fuq l-imħabba: " Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u ta' l-anġli bla ma kelli l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku. U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li nqanqal il-muntanji, imma ma kellix imħabba, jiena ma kont inkun xejn. U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid. L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li m'hux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. ... Bħalissa naraw bħallikieku f'mera, mċajpar, imma mbagħad naraw wiċċ imbwiċċ. Issa nagħraf biċċa, mbagħad nagħraf bħalma jien magħruf issa. Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba"(1Kor. 13, 1-13).

Jekk Kristu huwa l-fundament tal-imħabba, din tiġi mogħtija permezz tal-Ispirtu s-Santu li meta jaħkem il-bniedem bid-dinamiżmu tiegħu, l-ewwel li jagħtih hija l-imħabba. "Jien ngħidilkom - jikteb Pawlu lill-Galati - imxu fl-Ispirtu u taqgħux għall-passjonijiet tal-ġisem. ... Il-frott ta' l-Ispirtu huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi. Dawk li huma ta' Kristu ġesù sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu. Jekk ngħixu bl-Ispirtu, ħalli nimxu bl-Ispirtu" (Gal. 5, 17-26).

Fi stil differenti Santu Wistin iwassal l-istess messaġġ ta' San Pawl: l-imħabba hija l-perfezzjoni ta' kollox, il-milja tal-ħajja fi Kristu u l-ewwel frott tal-Ispirtu. ta' żagħżugħ li kien għadu jfittex l-orjentazzjoni ta' ħajtu, meta wasal f'Kartaġni, ma xtaqx ħaġa ħlief l-imħabba: "X'kien il-hena tiegħi





BONNICI'S PRESS Est. 1924
Digital & Offset Printers
36, St. Paul Street, Valletta VLT
Tel/Fax: 21 224607, 21 228138, 99870603
email: emi@maltanet.net
We fit your printing requirements


BINGO SHEETS SPECIAL OFFER @ 67c (min. 300)

Victoria Jewellers

162, St. Lucia Street, Valletta, Malta- Tel: 21224058 - Fax: (0356) 21233498

hans menswear
64 South Street Valletta
Tel: 21222268 Fax 21222269
e-mail: hansmenswear@onvol.net